MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 272/2008

**IT & T Ltd. (C 26874)**

**Vs**

**Clayton Coleiro K.I. 332887(M) sive Achille u Amanda Coleiro K.I. 589585(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u sittax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmi(€116.28), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta ghal servizzi rezi lilu konsegwentament ghal ordni lill-attrici moghti minnu stess u mall-konvenuta bhala ammonta dovut ghaliex kienet ghaddiet numru ta' cekkijiet tal-BOV lis-socjeta' attrici sabiex ikopru id-dejn ta' Clayton Coleiro, pero' dawn ic-cekkijiet ma setghux jigu onorati ghaliex kienu 'referred to drawer' u cioe' 'bounced'.

Is-somma premessa tirraprezenta l-prezz ta' ISP (Internet Service Provider) kif rikjesti minn Clayton Coleiro stess u lilu debitament fornuti per fatturi numri 12705, 13000, 13217, 13483, 13743, 13785 u 14188 annessi mat-talba u mmarkati 'Dok IT1' sa 'Dok IT7' rispettivament, liema bilanc ghadu ma thallasx minkejja bosta interpellazjonijiet telefonici da parti tas-socjeta' attrici u weghdiet da parti tal-konvenuti.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura, bl-imghax legali sa mis-16 ta' Gunju, 2007 u l-ispejjez ta' kull procedura ohra legali li tista' tittiehed sabiex jigi kkawtelat id-dritt ta' l-attrici, bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti jhallsu s-somma ta' mija u sittax-il Euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€116.28) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------